**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Marzu, 2001**

**Numru 19**

**Avviz. numru 75/00JR**

**The Golden Shepherd Group Limited**

**vs**

**Benjamin Testa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Jannar, 2000, fejn intalab il-hlas ta' sebgha u sittin lira Maltija u sittin centezmu (Lm67.60), prezz ta' servizzi u kura medika provduti lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess peress illi interpellat biex ihallas l-ammont dovut dan baqa' inadempjenti;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-25 ta' Frar, 2000, fejn intqal illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-prezz ta' servizzi u kura medika lilu provduti thallsu kollha ghas-saldu qabel l-konvenut telaq mill-isptar in kwistjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' John Depasquale ghas-socjeta` attrici, u ta' Benjamin Testa u Sharon Balzan. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi skond ma xehed John Depasquale s-servizz kien inghata lill-konvenut mis-socjeta` attrici fil-15 ta' Dicembru, 1998, u kien hareg kont fl-ammont mitlub, u li ma dan hargu zewg kontijiet ohra li kienu thallsu, pero` dan baqa' ma thallasx.**
2. **Il-konvenut jikkonferma li kien dahal fis-St. Philip's Hospital ghall-operazzjoni, u skond ma jghid hu kien iffirma li l-kont ihallsu qabel ma johrog mill-isptar. Jikkonferma li dahal l-isptar fid-data fuq imsemmija, u hareg fl-istess jum. Skond il-konvenut hu inghata zewg invoices, wahda fl-ammont ta' erbgha u disghin lira (Lm94.00) Dok. BT1 u l-ohra ghall-"sundry charges" Dok. BT2. Dawn jirrizultaw li thallsu. Skond il-konvenut qabel ma hareg mill-isptar qalulu li kien hallas ta' kollox. Hu sussegwentement gie konfrontat bl-invoices Dok. JD1 u Dok. JD2 mertu tal-kaz. Skond il-konvenut hu qatt ma gie**

**infurmat li l-ispejjez ta' l-anestesista, testijiet li jordnaw u "high cost consumables" ma kienux jiffurmaw parti mill-"package".**

3. **Jirrizulta fl-invoice li inhariglu li kien hemm li jista' jinhareg "additional invoice" fatt li l-konvenut ma indunax bih. Ghalhekk ghalkemm ma jistghax jigi eskluz li r-receptionist qalet li ma kien hemm xejn aktar dovut, fil-fatt jirrizulta li kien ghad hemm dovuti il-kontijiet imsemmija. Dawn il-kontijiet jirrigwardaw servizzi li nghataw lill-konvenut. Ma hemmx prova li dawna thallsu. Ghalhekk l-ammont ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebgha u sittin lira Maltija u sittin centezmu (Lm67.60) bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Jannar, 2000, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**

**GUDIKATUR**